Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 104/09**
Il-Lussemburgu, 30 ta' Novembru 2009

Stampa u Informazzjoni

# It-Trattat ta' Lisbona u l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

It-Trattat ta' Lisbona, iffirmat fit-13 ta' Diċembru 2007 mis-27 kap tal-Istat jew tal-gvern tal-Istati Membri tal-Unjoni, jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2009. Huwa jemenda ż-żewġ trattati fundamentali, li huma t-Trattat tal-Unjoni Ewropea (TUE) u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, b'dan tal-aħħar minn issa 'l quddiem ser ikun magħruf bħala t-"Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea" (TFUE) [1].

It-Trattat ta' Lisbona jemenda kemm l-organizzazzjoni kif ukoll il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

## A. L-emendi għall-organizzazzjoni tal-istituzzjoni u għall-ħatra tal-Membri tagħha

L-Unjoni Ewropea, li minn issa 'l quddiem għandha personalità ġuridika, ser tieħu post il-Komunità Ewropea. B'dan il-mod, permezz tat-Trattat ta' Lisbona, l-istruttura bil-pilastri ser titneħħa u l-Unjoni ser ikollha qafas istituzzjonali ġdid. Konsegwentement, bħall-istituzzjonijiet li jibdlu l-isem, is-sistema ġuridika kollha tal-Unjoni ser tingħata l-isem tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea [2] komposta minn tliet qrati**: il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti Ġenerali u t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.**

F'dak li jirrigwarda l-istabbiliment tal-**qrati speċjalizzati,** għalkemm it-Trattat ta' Lisbona jinkorpora d-dispożizzjonijiet eżistenti, huwa madankollu jipprovdi għal ċerti emendi fir-rigward tal-mod ta' kif jiġu stabbiliti, jiġifieri li, minn issa 'l quddiem, huma jiġu stabbiliti skont proċedura leġiżlattiva ordinarja (jiġifieri b'kodeċiżjoni b'maġġoranza kkwalifikata) u mhux iktar bl-unanimità bħal qabel.

Jirriżulta mit-Trattat ta' Lisbona li talba għall-emenda tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea [3] ser titqies li tkun "abbozz ta' att leġislattiv" [4] u għandha tkun suġġetta għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Min-naħa l-oħra, l-istatus tal-Imħallfin u tal-Avukati Ġenerali kif ukoll is-sistema lingwistika tal-Qorti tal-Ġustizzja jibqgħu suġġetti għar-regola tal-unanimità.

F'dak li jirrigwarda l-mod ta' kif **jinħatru l-Membri tal-istituzzjoni,** it-Trattat ta' Lisbona jinkorpora d-dispożizzjonijiet eżistenti billi l-Imħallfin jinħatru bi ftehim mal-gvernijiet tal-Istati Membri għal sitt snin, imma minn issa 'l quddiem wara konsultazzjoni ma' kumitat inkarigat li jagħti opinjoni dwar l-idoneità tal-kandidati sabiex jaqdu d-dmirijiet ta' Mħallef u ta' Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali. Dan il-kumitat huwa kompost minn seba' persuni magħżula minn fost membri preċedenti taż-żewġ qrati, membri ta' qrati supremi nazzjonali u avukati ta' kompetenza rrikonoxxuta, li wieħed minnhom għandu jiġi propost mill-Parlament Ewropew. Il-Kunsill, li jaġixxi fuq l-inizjattiva tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, għandu jadotta deċiżjoni li tistabbilixxi r-regoli ta' ħidma ta' dan il-kumitat, kif ukoll deċiżjoni għall-ħatra tal-membri tiegħu.

---

[1] Tkompli teżisti biss il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika jew "Euratom" (Protokoll Nru 1 li jemenda l-Protokolli annessi mat-Trattat tal-Unjoni Ewropea, mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità u/jew mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika.
[2] Artikolu 19 TUE.
[3] L-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jinsab fil-Protokoll Nru 3.
[4] Il-Protokoll Nru 2, dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità.

Fir-rigward tal-Avukati Ġenerali, dikjarazzjoni tipprovdi li huwa possibbli li jiżdiedu minn 8 għal 11 fuq talba tal-Qorti tal-Ġustizzja [5].

**B. L-emendi dwar il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea**

**L-oqsma**

L-istruttura bil-pilastri introdotta mit-Trattat ta' Maastricht, tneħħiet. Konsegwentement, il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ser testendi għad-**dritt tal-Unjoni Ewropea** sakemm it-Trattati ma jiddisponux mod ieħor [6].

Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kisbet ġurisdizzjoni preliminari ġenerali fil-qasam **tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja** minħabba fit-tneħħija tal-pilastri u tat-tħassir tal-Artikoli 35 UE u 68 KE, bit-Trattat ta' Lisbona li kienu jipprevedu restrizzjonijiet għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

L-ewwel nett, f'dak li jirrigwarda l-oqsma tal-ġustizzja u l-affarijiet interni [7], il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tagħti deċiżjoni preliminari ser issir obbligatorja u mhux iktar suġġetta għal dikjarazzjoni ta' kull Stat Membru li jirrikonoxxi din il-ġurisdizzjoni u li jindika liema qrati nazzjonali jistgħu jressqu talba. Bit-Trattat ta' Lisbona, l-oqsma tal-pulizija u tal-ġustizzja kriminali jidħlu fid-dritt komuni u l-qrati kollha jistgħu jressqu talba quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Madankollu, dispożizzjonijiet tranżitorji jipprovdu li din il-ġurisdizzjoni sħiħa hija applikabbli biss minn ħames snin wara d-dħul tat-Trattat ta' Lisbona [8].

It-tieni nett, f'dak illi jirrigwarda l-viżi, l-ażil, l-immigrazzjoni u l-politiki l-oħra relatati mal-moviment liberu ta' persuni [9] (b'mod partikolari l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi), jistgħu jitressqu talbiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja mill-qrati nazzjonali kolha – u mhux biss mill-qrati superjuri – u minn issa 'il quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi fuq miżuri ta' ordni pubbliku fil-kuntest tal-kontrolli transkonfinali. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddisponi minn ġurisdizzjoni ta' dritt komuni f'dan il-qasam u dan mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona.

Barra minn dan, **il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali** [10] **tal-Unjoni Ewropea** kisbet l-istess valur ġuridiku tat-Trattati [11]. Hija tinkludi "l-blokk ta' kostituzzjonalità" li fuqhom il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tagħti deċiżjoni. Madankollu, il-Karta mhijiex infurzabbli fir-Renju Unit u fil-Polonja, li jgawdu minn deroga [12], li minnha jirriżulta li l-Karta ma testendix il-possibbiltà, lill-Qorti tal-Ġustizzja jew lil xi qorti ta' dawn iż-żewġ Stati Membri, li tiddikjara li l-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet, prattiċi jew azzjonijiet amministrattivi huma inkompatibbli mad-drittijiet jew mal-prinċipji fundamentali li hija qegħda tafferma mill-ġdid. Barra minn dan, il-kapijiet tal-Istat u tal-gvern qablu li jestendu fil-futur din id-deroga lir-Repubblika Ċeka [13].

---

[5] Dikjarazzjoni Nru 38 dwar l-Artikolu 252 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar in-numru ta' Avukati Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja.

[6] Artikolu 19 TUE.

[7] Li kien it-Titolu VI tat-Trattat UE.

[8] L-Artikolu 10 tal-Protokoll Nru 36, dwar id-dispożizzjonijiet transitorji. Huwa pprovdut li bħala miżura tranżitorja, is-setgħat tal-Qorti tal-Ġustizzja jibqgħu l-istess għall-atti adottati fl-oqsma tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja, li ġew adottati qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona. Din il-miżura tranżitorja tieqaf milli jkollha effett ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona.

[9] Li kien it-Titolu IV tat-Trattat KE.

[10] Barra minn dan, l-Artikolu 6(2) TUE jippreċiża li "l-Unjoni tirrikonoxxi d-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea tas-7 ta' Diċembru 2000, kif adattata fit-12 ta' Diċembru 2007 ġo Strasburgu, li għandha jkollha l-istess valur legali bħat-Trattati". Il-Protokoll Nru 8 jindika li l-ftehim dwar l-adeżjoni għandu jippreċiża b'mod partikolari li "l-arranġamenti speċifiċi għall-parteċipazzjoni eventwali tal-Unjoni fil-korpi ta' kontroll tal-Konvenzjoni Ewropea [u] l-mekkaniżmi meħtieġa sabiex jiġi assigurat li l-proċedimenti minn Stati mhux Membri u l-applikazzjonijiet individwali jkunu indirizzati b'mod korrett lill-Istati Membri u/jew l-Unjoni skond il-każ". Din l-adeżjoni tal-Unjoni "ma tolqotx il-kompetenzi tagħha u s-setgħat tal-istituzzonijiet tagħha".

[11] Artikolu 6(1) TUE.

[12] Protokoll Nru 30 anness mat-TFUE dwar l-applikazzjoni tal-Karta dwar id-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea għall-Polonja u għar-Renju Unit.

[13] Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-29 u 30 ta' Ottubru 2009, li jindikaw li l-Protokoll Nru 30 japplika għar-Repubblika Ċeka (Doc 15265/09 CONCL 3).

Għalkemm il-kunċett ta' pilastru tneħħa bit-Trattat ta' Lisbona, **il-politika estera u ta' sigurtà komuni** (PESK), taħt it-Titolu V tat-Trattat UE [14], tibqa' suġġetta għal regoli partikolari u proċeduri speċifiċi. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni [15] sabiex tistħarreġ dawn id-dispożizzjonijiet kif ukoll il-miżuri adottati fuq il-bażi tagħhom, bla ħsara għal żewġ eċċezzjonijiet, jiġifieri: 1) li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiistħarreġ id-delimitazzjoni bejn il-kompetenzi tal-Unjoni u tal-PESK, li l-implementazzjoni tagħhom ma għandhiex taffettwa l-eżerċizzju tal-kompetenzi tal-Unjoni u l-kompetenzi tal-istituzzjonijiet għall-eżerċizzju tal-kompetenzi esklużivi u kondiviżi tal-Unjoni [16]; 2) li għandha ġurisdizzjoni sabiex tisma' rikorsi għall-annullament tad-deċiżjonijiet li jipprovdu miżuri restrittivi kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi adottati mill-Kunsill, pereżempju fil-kuntest tal-ġlieda kontra t-terroriżmu (iffriżar ta' assi) [17].

**Il-proċeduri**

**Il-proċedura għal deċiżjoni preliminari** ser tkopri wkoll atti ta' korpi jew organi tal-Unjoni [18] li huma b'hekk inklużi fid-dritt tal-Unjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' tinterpreta u tistħarreġ il-validità tagħhom fuq talba tal-qrati nazzjonali sabiex, pereżempju, ikunu jistgħu jivverifikaw il-konformità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom ma' dan id-dritt.

It-Trattat ta' Lisbona jintroduċi dispożizzjoni li tgħid li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi fl-iqsar terminu jekk titressaq domanda preliminari f'kawża pendenti quddiem qorti ta' Stat Membru fir-rigward ta' persuna miżmuma f'kustodja [19]. Għalhekk, issir referenza fit-test stess tat-Trattat għall-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari (PUDP), li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2008, li tapplika għall-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. (CP 12/08)

It-Trattat ta' Lisbona jestendi l-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja **għall-atti tal-Kunsill Ewropew**, li ġie rrikonoxxut mit-Trattat ta' Lisbona bħala istituzzjoni sħiħa għaliha. Bis-saħħa ta' dawn id-dispożizzjonijiet il-ġodda [20], hija tista', fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, tagħti deċiżjoni dwar il-legalità ta' att adottat mill-Kunsill Ewropew jew mill-Kunsill meta tagħraf riskju ċar ta' ksur gravi minn dan l-Istat Membu ta' ċerti valuri [21] (rispett tad-dinjità tal-bniedem, rispett tad-drittijiet tal-bniedem, eċċ.) [22].

Bl-istess mod, l-istituzzjoni għandha ġurisdizzjoni, fl-istess kundizzjonijiet, sabiex tiddeċiedi fuq rikorsi magħmula mill-Qorti tal-Awdituri, mill-Bank Ċentrali Ewropew, u minn issa 'l quddiem mill-Kumitat tar-Reġjuni, intiżi sabiex jipproteġu l-prerogattivi tagħhom.

It-Trattat ta' Lisbona jtaffi l-kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà tar-**rikorsi mressqa minn individwi** (persuni fiżiċi jew ġuridiċi) kontra d-deċiżjonijiet tal-istituzzjonijiet, korpi jew organi tal-Unjoni. Individwi jistgħu jippreżentaw rikors kontra att regolamentari li jolqothom direttament u jekk ikun nieqes minn miżuri ta' infurzar. Għalhekk, l-individwi m'għandhomx iktar għalfejn juru li huma individwalment ikkonċernati b'dan l-att [23].

Fil-kuntest tal-istħarriġ tar-rispett tal-prinċipju ta' sussidjarjetà, Stat Membru jista' jippreżenta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja **rikors għall-annullament ta' att leġiżlattiv għall-ksur tal-prinċipju ta' sussidjarjetà** adottat minn parlament nazzjonali jew minn kamra tiegħu. Ir-rikors għandu jiġi formalment ippreżentat mill-gvern ta' Stat iżda jista' wkoll jiġi sempliċement "trażmess" minn dan il-gvern, bl-awtur reali ta' dan ir-rikors ikun il-parlament nazzjonali jew kamra tiegħu [24]. Bl-istess mod,

---

[14] Artikolu 24 TUE.
[15] Artikolu 275 TFUE.
[16] Artikolu 40 TUE.
[17] Artikolu 275 TFUE.
[18] Artikolu 267 TFUE.
[19] *Idem*.
[20] Artikolu 269 TFUE.
[21] Artikolu 2 TUE.
[22] Dan ir-rikors għandu jsir f'terminu ta' xahar li jibda jiddekorri minn din il-konstatazzjoni u l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi f'terminu ta' xahar mid-data tat-talba.
[23] Artikolu 263 TFUE
[24] It-Trattat ta' Maastricht stabbilixxa l-prinċipju tas-sussidjarjetà. L-Artikolu 5 tat-Trattat KE jiddefinixxih b'dawn il-kliem: "f'oqsma li ma jaqgħux taħt il-kompetenza esklużiva tagħha, il-Komunità għandha taġixxi skond il-prinċipju tas-

il-Kumitat tar-Reġjuni jista' jinvoka l-ksur ta' dawn il-prinċipji, u dan, fil-limitu ta' atti li dwarhom il-konsultazzjoni hija obbligatorja.

Barra minn dan, it-Trattat ta' Lisbona jħaffef il-mekkaniżmu tas-**sanzjonijiet pekunjarji** (il-ħlas ta' somma f'daqqa u/jew ta' pagamenti ta' penalità) fil-każ li sentenza għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ma tiġix implementata [25]. Huwa jippermetti wkoll lill-Qorti tal-Ġustizzja timponi, mill-istadju tal-ewwel sentenza għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, sanzjonijiet pekunjarji fil-każ li ma jiġux ikkomunikati lill-Kummissjoni miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni ta' direttiva. [26]

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni, wara perijodu ta' ħames snin, tista' tippreżenta rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu dwar miżuri li jirrigwardaw il-ġustizzja u l-affarijiet interni meħuda qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona [27]

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355*

sussidjarjetà biss, jekk u sakemm l-għanijiet ta' l-azzjoni proposta ma jkunux jistgħu jintlaħqu sew mill-Istati Membri u għaldaqstant jistgħu, minħabba l-iskala tad-daqs jew l-effetti ta' l-azzjoni proposta, jiġu milħuqa aħjar mill-Komunità". Prinċipju ieħor assoċjat b'mod strett miegħu huwa, il-prinċipju tal-proporzjonalità, li jgħid li, "l-azzjoni meħuda mill-Komunità m'għandhiex teċċedi dak li hu neċessarju biex jintlaħqu l-għanijiet ta' dan it-Trattat".

[25] Artikolu 260 TFUE.

[26] Artikolu 260 TFUE.

[27] Jirriżulta mill-Artikolu 10(1) tal-Protokoll Nru 36 li rikorsi bħal dawn huma possibbli mill-iskadenza tat-terminu ta' ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona.